Nru. 357

SKEDAR TA' PROPRJETÀ

Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Artikolu 46

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar b'din tiddikjara li qiegħda tinkludi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-proprjetà li ġejja, jiġifieri:-

L-art madwar it-Tempji Megalitiċi tal-Ġgantija, ix-Xagħra, Għawdex, iddikjarata bħala Area ta' Importanza Arkeoloġika skond it-termini tal-*Policy RCO* 1, *ARC* 1 u *ARC* 5 tal-Pjan ta' Struttura. Din l-area tinkludi dawn il-propjetajiet (uħud minnhom diġà ġew skedati kif indikati):

1. It-Tempji megalitiċi tal-Ġgantija, ix-Xagħra, iddikjarat bħala ta' Klassi A skond it-termini tal-*Policy ARC* 2 tal-Pjan ta' Struttura (skedati, ara G.N. 588/94).

2. L-Għar u fdalijiet megalitiċi ta' Għejżu, ix-Xagħra, iddikjarati bħala ta' Klassi A skond it-termini tal-*Policy ARC* 2 tal-Pjan ta' Struttura (skedati, ara G.N. 588/94)

3. Iċ-Ċirku tax-Xagħra, ix-Xagħra, iddikjarati bħala ta' Klassi A skond it-termini tal-*Policy ARC 2* tal-Pjan ta' Struttura (skedati, ara G.N. 588/94).

4. Fdalijiet megalitiċi ta' Santa Verna, ix-Xagħra, iddikjarati bħala ta' Klassi A skond it-termini tal-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura (skedati, ara G.N. 588/94).

5. Fdalijiet megalitiċi, limiti tal-Ġgantija, ix-Xagħra, iddikjarati bħala ta' Klassi B skond it-termini tal-*Policy ARC* 2 tal-Pjan ta' Struttura.

6. Il-Mitħna ta' Kola, Triq il-Mitħna, ix-Xagħra, iddikjarati bħala ta' Grad 1 skond it-termini tal-*Policy UCO* 7 tal-Pjan ta' Struttura.

kif indikat bin-numri fuq il-mappa fil-paġna 2968.

L-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Il-5 ta' Mejju, 1998

No. 357

SCHEDULING OF PROPERTY

Section 46 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority hereby declares that it is including in the List of Scheduled Property, in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992, the following property, namely:-

The lands surrounding Ġgantija Temples, Xagħra, Gozo, designated as an Area of Archaeological Importance in terms of Structure Plan Policies RCO 1, ARC 1 and ARC 5. The area includes the following properties (some already scheduled as indicated).

1. Ġgantija megalithic temples, Xagħra, designated as Class A in terms of Structure Plan Policy ARC 2 (scheduled as per G.N. 588/94).

2. Għar ta' Għejżu cave and megalithic remains, Xagħra, designated as Class A in terms of Structure Plan Policy ARC 2 (scheduled as per G.N. 588/94).

3. Xagħra Stone Circle, Xagħra, designated as Class A in terms of Structure Plan Policy ARC 2 (scheduled as per G.N. 588/94).

4. Santa Verna megalithic remains, Xagħra, designated as Class A in terms of Structure Plan Policy ARC 2 (scheduled as per G.N. 588/94).


5. Megalithic remains, Ġgantija carpark, Xagħra, designated as Class B in terms of Structure Plan Policy ARC 2.

6. Ta' Kola Windmill, Triq il-Mitħna, Xagħra, designated as Grade 1 in terms of Structure Plan Policy UCO 7.

as indicated by numbers on the map on page 2968.

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

5th May, 1998



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E33334, N89244
Max E34260, N90078

Title :-
Area of Archaeological Importance
Ggantija Temples, Stone Circle, Santa Verna Temple, Xaghra, Gozo
Ref No. :- **GF 0270/97**

Legend

- Area of Archaeological Importance
- 1 Ggantija Temples
- 2 Il-Mithna tax-Xaghra (Grade 1)
- 3 Ghar ta' Ghejzu Remains
- 4 Xaghra Stone Circle
- 5 Santa Verna Megalithic Remains
- Megaliths

Form No. :- MU004